MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 1587/2000/1

*Avviz numru 1587/2000DM*

*Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija estera Royal & Sun Alliance Insurance plc bhala surrogata bil-polza u bil-ligi fid-drittijiet tal-assikurata taghha Carmela Sant u l-istess Carmela Sant*

*vs*

*Jason Vella*

***Il-Qorti,***

*Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu li din il-Qorti :*

*(1) tiddikjara lill-konvenut responsabbi' ghall-kollizzjoni li grat tort tieghu fit-3 ta' Mejju 2000 f'San Pawl il-Bahar bejn il-vettura BAB 905 ta' proprjeta tal-attrici u*

*misjuqa minnha kif wkoll assikurata mal-kumpanija attrici u l-vettura FAG 309 misjuqa mill-konvenut u ghalhekk responsabbli ghad-danni konsegwenzjali u*
*(2) tikkundanna ghalhekk lill-konvenut li jhallas in linja ta' danni is-somma ta' mitejn tlieta u sebghin lira Maltin erba centezmi (Lm273.04) kwantu ghas-somma ta' mitejn tmienja u erbghin lira Maltin erba centezmi (Lm248.04) lill-kumpanija attrici bhala s-somma li sburzat taht il-polza u s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) lill-attrici li batietha minn butha.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali fil-Qorti Civili tal-21 ta' Gunju 2000 u tar-rikors relativ biex tigi notifikata u tal-ittra ufficjali kontestwali lill-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax ta' 8% fis-sena mid-data tal-presentata tac-citazzjoni kontra l-konvenut li gie mharrek ghas-subizzjoni.*

*Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:*

*1 Dak li talbu l-atturi ghandu jigi michud bl-ispejjez ghax ghall-incident stradali de quo kienet tahti Carmela Sant.*

*2 Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi*

*Rat il-verbal tal-20 ta' Gunju 2002 fejn id-difensur tal-konvenut iddikjara li l-kontestazzjoni tirrigwarda biss ir-responsabbilta' u mhux il-quantum tad-danni.*

*Semghet ix-xhieda bil-gurament;*

*Rat id-dokumenti esibiti;*

*Rat l-atti kollha tal-process; u*

*Ikkunsidrat:-*

*Illi dwar ir-responsabilta' ghall-kollizzjoni xehedhu iz-zewg sewwieqa involuti u, fil-waqt li jaqblu dwar il-manuvri rispettivi, l-attrici bhala 'main road user' tallega li, waqt li*

*kienet ghadha fit-triq principali, giet milquta mill-konvenut li baqa hiewreg minn triq sekondarja.*

*Minn-naha tieghu, il-konvenut, li kien hiereg minn go triq sekondarja ghal gewwa t-triq principali, jsosstni li kellhu bzonn joltrepassa li "Stop sign" minhabba il-presenza ta vetturi pparkeggjati fuq in-nahha tax-xellug tieghu u l-kollizzjoni grat ghaliex l-attrici rasset fuqhu minn flok daret iktar fil-wisgha.*

*Evidentement f'dan il-kaz huwa importanti li jigu sottolineati id-doveri ta min ikun hgiereg minn go triq sekondarja ghal go triq principali. Dan ghandhu juza grad gholi ta prudenza u jghamel esplorazzjoni debita qabel ma jazzarda jinvadi l-karreggjati fit-triq principali u jrid jassigura sew li bil-manuvra tieghu b'ebda ma jkun ta ostakolu ghall-'main road user'.*

*Minn-naha l-ohra l-'main road user' m'ghandux jghamel manuvri inaspettati li bihom jista johloq xi diffikolta' anke ghal 'secondary road users'.*

*Minn ezami tal-iskizz esibit a fol. 32 (Dok CS1) jirrizulta li l-kollizzjoni grat kif l-attrici Sant kient ghadha kif appena oltrepassat il-linja medjana tat-triq principali biex tidhol fit-triq sekondarja u kienet diretta mill-ewwel ghal fuq il-karreggjata intiza, ossia dik tax-xellug tat-triq sekondarja.*

*Din il-manuvra kienet wahda korretta ghaliex qatt ma setghet tiddisturba lit-traffiku li ried johrog mit-triq sekondarja li kellhu jkun qieghed fuq li "Stop sign" jistenna li hi tispicca l-manuvra taghha.*

*Infatti kien il-konvenut li jammetti li ma waqafx fuq li "Stop sign" (ghalkemm ma l-ufficjal li nvestiga l-kaz kien allega li waqaf) u l-fatt li kellhu vetturi jostakolaw il-viswali tieghu fuq ix-xellug iktar milli jservi bhala xi skuzanti ghandhu jitqies bhala fattur li gholla l-grad ta prudenza u attenzjoni li l-konvenut kellhu juza qabel ma jinvadi it-triq principali.*

*Ghandhu jinghad ukoll illi l-vetturi pparkeggjati ma kienux jostakolaw ghall-kollox il-viswali tal-konvenut u anke minn*

*fuq l-istess "Stop sign" kien ikollhu opportunita' li jilmah lill-attrici anke qabel ma waslet biex titlaq il-karreggjata taghha. Iktar u iktar kellhu jinduna bil-presenza tal-attrici waqt li huwa baqa hiereg oltre li "stop sign" u oltre il-vetturi pparkeggjati.*

*Izda il-konvenut jistqarr li l-attrici ra l-ewwel darba mal-habta u waqt li kien ghadhu hiereg; dan jimplika nuqqas serju ta 'proper look out' li jghabbi lill-konvenut bir-responsabilita' esklussiva ghall-kollizzjoni.*

*Ghalhekk irid jirrispondi ghad-danni rizultanti kif mitluba mill-attrui u li ma gewx ikkontestati.*

*Ghaldaqstant tilqa it-talba attrici u tiddikjara lill-konvenut responsabbi' ghall-kollizzjoni li grat tort tieghu fit-3 ta' Mejju 2000 f'San Pawl il-Bahar bejn il-vettura BAB 905 ta' proprjeta tal-attrici u misjuqa minnha kif wkoll assikurata mal-kumpanija attrici u l-vettura FAG 309 mijuqa mill-konvenut u ghalhekk responsabbli ghad-danni konsegwenzjali u ghalhekk tikkundannah li jhallas in linja ta' danni is-somma ta' mitejn tlieta u sebghin lira Maltin erba centezmi (Lm273.04) kwantu ghas-somma ta' mitejn tmienja u erbghin lira Maltin erba centezmi (Lm248.04) lill-kumpanija attrici bhala s-somma li din sburzat taht il-polza u s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) lill-attrici Carmela Sant liema somma din hallset minn butha; Bl-imghax legali b'effett mill-14 ta Novembru 2000.*

*Bl-ispejjes kontra l-konvenut.*

--------------------------------TMIEM--------------------------------